# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**(President)**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 12**

**Rikors numru 151/21/3 AL**

**Elaine Micallef**

**v.**

**Luke Micallef**

**Il-Qorti:**

1. Din is-sentenza titratta dwar l-appell tal-konvenut mis-sentenza tal-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) tat-12 ta' Jannar 2022 li biha ċaħdet it-talba tiegħu sabiex jiġġustifika l-kontumaċja u jippreżenta tweġiba maħlufa.

2. Mill-atti jirriżulta li:

i. Fis-27 tal-Mejju 2021 il-Qorti tal-Familja tat digriet li bih għalqet il-proċess ta' medjazzjoni.

ii. Fl-4 ta' Ġunju 2021 l-attriċi fetħet il-kawża ta' separazzjoni.

iii. Fit-23 ta' Ġunju 2021 l-attriċi ppreżentat rikors u talbet it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti (rikors numru 151/21/2).

iv. Fit-30 ta' Ġunju 2021 il-konvenut kien notifikat bir-rikors tat-23 ta' Ġunju 2021.

v. Fis-6 ta' Lulju 2021 il-konvenut ippreżenta tweġiba għar-rikors tat-23 ta' Ġunju 2021.

vi. Fis-16 ta' Lulju 2021 ir-rikors ġuramentat kien notifikat lill-konvenut billi tħalla f'idejn oħtu Maria Micallef.

vii. Fl-10 ta' Settembru 2021 il-Qorti tal-Familja tat digriet b'referenza għar-rikors li bih l-attriċi talbet it-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti. Fid-digriet issemma li l-konvenut kien kontumaċi. Il-Qorti ordnat li l-konvenut jippreżenta tweġiba oħra għar-rikors tal-attriċi, peress li issa kien notifikat bir-rikors maħluf li bih l-attriċi fetħet il-kawża ta' separazzjoni.

viii. Fit-28 ta' Settembru 2021 il-konvenut ippreżenta t-tweġiba ulterjuri u ddikjara li kien qiegħed ukoll jippreżenta rikors għall-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja. Fil-fatt dak ir-rikors ippreżentah ukoll. F'dak ir-rikors ippremetta:

*"4. Illi l-imsemmija Maria Micallef qatt u fl-ebda mument ma għarrfet lill-esponent ħuha li hija kienet aċċettat xi atti ġudizzjarji għan-nom tiegħu jew wisq anqas ebda tip ta' dokument jew posta oħra.*

*5. Illi anki meta l-esponent sussegwentement ikkonfronta lill-oħtu dwar dan, hija ċaħdet li aċċettat tali notifika għan-nom tiegħu u fil-fatt l-att ġudizzjarju innifsu ma nstab imkien".*

3. Fis-sentenza l-ewwel Qorti għamlet referenza għall-ġurisprudenza u qalet:

*"Huwa paċifiku fil-ġurisprudenza tal-Qrati tagħna illi l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-konvenut, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għall-akkuża u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera diżubbidjenza ("kontumelja") lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tqis li fih element ta' diżordni soċjali u tħares lejh bħala aġir li jistħoqlu li jiġi punit bis-sanzjoni li l-kontumaċi ma jkunx jista' jipparteċipa fil-ġbir tal-provi u jikkontesta x-xhieda mressqa mill-attur/attriċi. Għalhekk, il-kontumaċja hija ġeneralment meqjusa bħala miżura ta' natura punittiva li hija meħtieġa sabiex tassigura rispett lejn l-atti emessi mill-Qorti.*

*........*

*Fid-dawl ta' din ir-rigorożita` fl-applikazzjoni tat-termini proċedurali stipulat mil-liġi u l-effetti mill-iktar drakonjani u s-sanzjonijiet spiss irriversibbli li jġib miegħu n-non osservanza tat-terminu stipulat fl-Artikolu 158 subinċiz 1 għall-preżentata tar-risposta ġuramentata, ġie wkoll paċifikament aċċettat li l-istitut tal-kontumaċja għandu jiġi applikat u mfisser b'mod ristrettiv. Għalkemm il-kontumaċja hi deskritta bħala dispett lejn l-awtorità ġudizzjarja, l-istess ma tissarraf qatt f'xi forma ta' ammissjoni, totali jew parzjali, tat-talba attriċi. Li tiddefendi ruħek f'kawża ċivili huwa naturalment jedd u ċertament mhux obbligu u minn tali jedd jidderiva l-preċett tal-awtonomija ta' dik il-parti li taf tagħżel illi ma tattivax ruħha u ma tirreaġixxix, salv għall-konsegwenzi proċedurali relattivi li wieħed jista' jinkorri jekk jagħmel dan.*

*Madanakollu, hekk kif jistabbilixxi sub-inċiz 10 tal-Artikolu 158 surreferit, dak il-konvenut li jaqa' kontumaċi jista' jittenta jakwista lura dawk il-jeddijiet proċedurali u proċesswali tiegħu biex jirriattiva ruħu u jipparteċipa bi sħiħ fil-proċediment. Għaldaqstant għandu l-fakolta' li jiġġustifika n-nuqqas tiegħu u dan billi jippreżenta rikors, fejn il-Qorti ikollha l-obbligu illi tevalwa x'kienet l-intenzjoni tal-konvenut u tagħmel distinzjoni bejn il-konvenut li juri disinteress assolut (dak li jissejjah kontumaċja bi ħtija) u l-konvenut li juri li kien intenzjonat jikkontesta l-kawża iżda ma laħaqx għamel dan għal raġuni li ma kienx jaħti għaliha………*

*Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-provi mresqa dwar din il-kwistjoni, issa ser tgħaddi għall-eżami tal-każ in specie biex tevalwa jekk il-motivi mressqa mill-konvenut humiex tajbin biex jiġġustifikaw il-qagħda proċesswali tiegħu qua parti kontumaċi.*

*In primis, il-Qorti tibda sabiex tisħaq illi fir-rigward tal-materja tal-kontumaċja, bħala linja gwida hija taddotta u tagħmel tagħha dik il-ġurisprudenza l-aktar kostanti, u ċjoe' illi l-ġustifikazzjoni tal-kontumaċja għandha tkun l-eċċezzjoni u mhux ir-regola, u dan għaliex tqis li t-termini għall-preżentata ta' atti ġudizzjarji, stabbiliti statutorjament, qegħdin hemm biex joħolqu sistema' proċedurali stabbli u uniformi li huma elementi essenzjali f'kull proċess ġudizzjarju. Għalhekk, taqbel ukoll illi filwaqt li l-konvenut irid jafferma kawża ġusta sabiex jissana l-kontumaċja tiegħu, kawża li tkun attribwibbli għall-volonta` jew culpa tiegħu, m'hijiex 'kawza ġusta'.........*

*Stabbilit il-premess u fit-tieni lok, il-Qorti tissottolineja illi ma hemmx kontestazzjoni illi n-notifika tar-rikors ġuramentat promotur li saret nhar is-16 ta' Lulju 2021 hija waħda valida, hekk kif din saret skont Artikolu 187 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant dak li trid tara l-Qorti f'dan l-istadju huwa jekk il-ġustifikazzjoni pprovduta mill-konvenut hijiex waħda li tistabbilixxi li ma kienx hemm negliġenza jew ħtija tal-parti. F'dan il-kuntest, il-Qorti tara li l-konvenut ma kienx konsistenti u vertier fil-verżjoni tiegħu, u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*i. Inizjalment, fir-rikors tiegħu l-konvenut jgħid li wara li sar jaf bin-notifika tar-rikors ġuramentat, u "meta l-esponent sussegwentament ikkonfronta lill-oħtu dwar dan, hija ċaħdet li aċċettat tali notifika għan-nom tiegħu u fil-fatt l-att ġudizzjarju nnifsu ma nstab imkien". Konsegwentament fix-xhieda tiegħu quddiem il-Qorti huwa ddikjara li hu u oħtu ma jitkellmux, tant li dwar din il-kwistjoni tkellem ma' ommu. Din il-kontradizzjoni u inkosistenza fuq kwistjoni tant bażika, ma tantx tirrifletti tajjeb fuq il-konvenut. Fil-fehma tal-Qorti dan juri li l-konvenut ittenta jgħawweġ il-verita' sabiex jottjeni eżitu a favur tiegħu;*

*ii. In kontro-eżami l-konvenut jinnega li kien konsapevoli dwar l-intavolar ta' proċeduri għal separazzjoni personali mibdija minn A B, u jistqarr li nesa' dwar l-għeluq tal-proċeduri ta' medjazzjoni. Madanakollu, min-naħa l-oħra jgħid illi normalment meta jirċievi atti ġudizzjarji, huwa jgħaddihom lill-avukat tiegħu fejn dan tal-aħħar jispjegalu xi jkun fihom l-atti in kwistjoni. Il-Qorti ssibha ferm diffiċli li temmen lill-konvenut, hekk kif il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-konvenut ma nesiex dwar l-għeluq tal-medjazzjoni u li l-avukat tiegħu spjegalu sew x'kien il-pass sussegwenti, u ċjoe' li l-partijiet kienu awtorizzati li jintavolaw il-kawża għal separazzjoni personali entro t-terminu ta' xahrejn. Għadaqstant il-Qorti hija persważa li l-konvenut kien konsapevoli li kellu jirċievi atti importanti mill-Qorti, u dan jista' jkompli jiġi kkonfermat hekk kif fir-risposta tiegħu tas-6 ta' Lulju 2021 għar-*

*rikors ta' A B għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll fir-risposta tiegħu tad-19 ta' Lulju 2021 għan-nota tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal, huwa stess iddikjara li għadu mhux notifikat bir-rikors ġuramentat promotur. Għaldaqstant il-Qorti ssaqsi, tenut kont li: (i) d-digriet għall-għeluq tal-medjazzjoni ngħata nhar is-27 ta' Mejju 2021, (ii) il-kawza għas-separazzjoni kellha għaldaqstant tinbeda tal-inqas sas-27 ta' Lulju 2021, u, (iii) nelfrattemp il-konvenut ġie nnotifikat b'rikors għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, huwa possibbli li l-konvenut ma qagħdx attent għal dik il-korrispondenza li kienet qiegħda tasal id-dar proprju għalih? Fil-fehma tal-Qorti, il-konvenut kellu l-massima obbligazzjoni li joqgħod attent u kawt għal dawk l-atti li kienu qegħdin jaslu fir-residenza li fiha kien qed jabita, u nuqqas ta' dan juri biss kulpa u negliġenza da parti l-konvenut.*

*Fid-dawl tas-suespost, il-Qorti tara li l-ġustifikazzjoni li l-konvenut pprova jagħti l-konvenut għall-kontumaċja tiegħu, ma hijiex konvinċenti u attendibbli. Il-Qorti ma tarax li huwa verosimili li l-konvenut ma ġiex infurmat mill-membri tal-familja tiegħu bl-atti in kwistjoni, jew li ma skopriex waħdu b'tali atti wara li dawn tħallew fuq il-breakfast bench ġewwa r-residenza li jgħix fiha. Għalkemm oħt il-konvenut ma nfurmatx espressament lil ħuha bl-atti ġudizzjarji, il-Qorti tara li ma għandhiex għalfejn ma temminx lil D B illi din verament ħalliet dawn l-atti fuq il-breakfast bench u kif ukoll li l-breakfast bench hija proprju dak il-post speċifiku fejn il-familja kollha tħalli u tiġbor l-posta u d-dokumenti kollha rċevuti. Għaldaqstant il-Qorti tifhem li l-familja B tikkonsidra l-breakfast bench bħala l-post fejn wieħed għandu jitfa' u jiġbor il-posta, u b'hekk huwa mifhum li anke jekk D B ma nfurmatx lil ħuha dwar l-atti u dan minħabba kwistjonijiet ta' bejniethom, kien allura iktar u iktar jispetta lil konvenut illi jiċċekka kuljum jekk fuq il-breakfast bench kienx hemm xi posta jew dokumenti għalih tenut kont li kien miksur ma' xi membri tal-familja li jgħixu taħt l-istess saqaf miegħu".*

4. B'rikors ippreżentat fil-21 ta' Jannar 2022 il-konvenut appella mis-sentenza tal-ewwel Qorti filwaqt li l-attriċi wieġbet fil-15 ta' Frar 2022.

5. Fir-rikors tal-appell il-konvenut jilmenta li ma kienx hemm raġuni valida għalfejn l-ewwel Qorti ma kellhiex temmen il-verżjoni tiegħu u ta' oħtu, u dan fin-nuqqas ta' prova kontradittorja. Jinsisti li huwa qatt ma kien infurmat li rċieva rikors maħluf. Dak li rriżulta mill-provi hu li l-uffiċjal eżekuttiv ta l-atti lil Maria Micallef, li kkonfermat li rċeviet l-atti u *"17...... li*

*ma nfurmatx lil ħuha u xehdet li ma ħadet ebda passi biex iġġib l-atti a konjizzjoni tiegħu”*. Kompla jżid li oħtu kkonfermat li miġġildin u għalhekk ma jitkellmux, u għalhekk ma tkellmitx miegħu dwar l-atti li rċeviet mingħand l-uffiċjal eżekuttiv. Il-konvenut isostni li għalkemm ir-rikors maħluf tħalla fejn is-soltu titħalla l-posta, ma jfissirx li b’daqshekk il-konvenut kellu jsib l-istess. Ħadd ma jaf jekk l-atti baqgħux hemm. L-ewwel Qorti naqset ukoll milli tikkunsidra l-mod attiv kif il-konvenut ipparteċipa s’issa f’dawn il-proċeduri.

6. Min-naħa tagħha l-attriċi argumentat li ma jitwemminx li l-konvenut ma tkellimx ma’ oħtu, meta fir-rikors ippremetta li kien ikkonfrontaha. Żiedet li l-fatt li għaxart ijiem qabel kien wieġeb rikors tal-attriċi, juri kemm kien jaf li hemm kawża. Kompliet li mhuwiex verosimili li persuna ma tiċċekjax il-posta li rċeviet għal xahrejn sħaħ, u *“7.... huwa l-obbligu tal-appellant li jerfa’ responsabbilta’ u jassigura ruħu li hu jew membri tal-familja kienu rċevew dokument għan-nom tiegħu”*.

<u>Konsiderazzjoni</u>.

7. Mis-sentenza appellata hu evidenti li l-Qorti ma tatx kredibilita` lill-verżjoni li ta l-konvenut meta xehed. Il-konvenut xehed li ma tkellimx m’oħtu iżda tkellem m’ommu. Evidenti li bejn l-aħwa hemm diżgwid. Il-verżjoni li ta l-konvenut ma taqbilx ma’ dak li ddikjara f’paragrafu 5 tar-rikors, fis-sens li fir-rikors qal li kien tkellem m’oħtu filwaqt li meta xehed

qal li ma tkellimx magħha.  Pero` meta xehed il-konvenut qal li oħtu ma qaltlux li kien irċieva atti mill-qorti, kif qal fir-rikors tat-28 ta' Settembru 2021.

8. Xehdet ukoll oħt il-konvenut li ikkonfermat li fiż-żmien rilevanti kienet tgħix fl-istess dar mal-konvenut u kkonfermat li l-uffiċjal eżekuttiv taha karti tal-qorti u ffirmat għalihom u ħalliethom fuq *breakfast bench* fil-kċina, kif tagħmel is-soltu meta jaslu 'ittri reġistrati'.  Żiedet li ma tkellmitx ma' ħuha.  Ix-xhud qalet li ma tiftakarx jekk tkellmitx m'ommha dwar il-karti li rċeviet mingħand l-uffiċjal eżekuttiv, li min-naħa tiegħu kkonferma li l-atti ġudizzjarji tahom lix-xhud.  Mistoqsi jekk qalilhiex xi ħaġa, wieġeb *"kemm newwiltilha"*.

9. Dak li jirriżulta mill-atti hu li meta l-attriċi fetħet il-kawża, il-konvenut kien qiegħed jieħu sehem attiv f'dawn il-proċeduri. Mill-atti jirriżulta li:

i. Fis-6 ta' Lulju 2021 wieġeb għar-rikors tal-attriċi għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u saħansitra kkonferma li kien għadu ma ġiex notifikat bir-rikors maħluf.
ii. Fid-19 ta' Lulju 2021 ippreżenta tweġiba u ta l-kummenti għar-rapport tad-Direttorat għall-Ħarsien tat-Tfal. Rapport li rċieva fit-13 ta' Lulju 2021.
iii. Fit-28 ta' Settembru 2021 ippreżenta tweġiba wara digriet li tat l-ewwel Qorti fl-10 ta' Settembru 2021.

iv. Fis-7 ta' Ottubru 2021 il-konvenut kien preżenti għall-ewwel seduta fil-kawża ta' separazzjoni u xehed b'referenza għar-rikors li bih talab sabiex jiġġustifika l-kontumaċja.

v. Fit-13 ta' Ottubru 2021 ippreżenta tweġiba għal rikors ieħor tal-attriċi u li kien dwar it-tifel li twieled fiż-żwieġ.

10. Dan fih innifsu juri li l-konvenut qiegħed juri interess fil-kawża ta' separazzjoni u jipparteċipa. Il-fatt li fis-6 ta' Lulju 2021 il-konvenut wieġeb għar-rikors li għamlet martu għat-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, hi diġa' indikazzjoni li x'aktarx kien ser iwieġeb kieku kien infurmat li r-rikors maħluf kien ġie notifikat. Dan qiegħed jingħad għaliex in-notifika saret fis-16 ta' Lulju 2021 ċioe` għaxart ijiem biss wara li kien diġa` wieġeb għal rikors ieħor, u fiha ddikjara li kien għadu ma ġiex notifikat bir-rikors maħluf. Dik fiha nnifisha hi indikazzjoni tal-intenzjoni li kellu l-konvenut li jiddefendi ruħu fil-kawża. Ma jirriżultax li f'dawk l-għaxart ijiem ġara xi ħaġa li setgħu wasslu lill-konvenut biex jibdel il-fehma tiegħu.

11. Jibqa' mhux magħruf x'sar mill-atti ġudizzjarji li oħt il-konvenut qalet li poġġiet fuq il-*breakfast bench* tal-kċina. Il-Qorti mhijiex ser toqgħod tipprova tasal għal xi konklużjoni dwar x'sar minnhom. Li rriżulta żgur hu li fiż-żmien rilevanti, meta saret in-notifika, l-aħwa ma kinux jitkellmu. Għalkemm m'hemmx dubju l-konvenut kien jaf li martu fetħet il-kawża ta' separazzjoni u kien ser jirċievi l-atti, jibqa' l-fatt li l-aħwa ma jitkellmux. Lanqas mhu magħruf jekk oħtu tkellmitx ma' xi membru ieħor tal-familja

dwar l-atti, bħal ommhom. Il-Qorti mhijiex konvinta li l-fatt li l-atti tħallew fuq il-*breakfast table* fejn skont oħtu jitħallew *'ittri reġistrati'*, mela x'aktarx il-konvenut kien sab l-atti. Mill-provi rriżulta wkoll li fid-dar tgħix ukoll ommhom, li pero` ma tressqitx bħala xhud. Għalhekk jibqa' d-dubju.

12. Il-Qorti tosserva wkoll li għalkemm Maria Micallef qalet li *'nirċievu diversi ittri reġistrati'*, l-atti ma kinux ittra reġistrata. Mill-mod kif xehdet x'aktarx li x-xhud lanqas kienet taf li kien hemm perjodu ta' għoxrin jum sabiex il-konvenut iwieġeb. Ix-xhud kienet ħierġa għax-xogħol meta mar l-uffiċjal eżekuttiv id-dar għandhom u l-Qorti fehmet li ma qratx dak li kien hemm miktub. Dan apparti li l-uffiċjal eżekuttiv, mistoqsi jekk qalilhiex xi ħaġa, wieġeb *"kemm newwiltilha"*.

13. Il-Qorti lanqas tista' tikkonkludi li l-konvenut kien negliġenti jekk ma marx mal-*breakfast table* sabiex jivverifika kienx irċieva atti ġudizzjarji f'ismu. Il-fatt jibqa' li hu ma ġiex infurmat li kien mar l-uffiċjal eżekuttiv id-dar għandhom u ta r-rikors maħluf lill-oħtu. Mill-istess deposizzjoni tal-konvenut irriżulta kif hu kien sar jaf li saret in-notifika, għaliex infurmah l-avukat li qiegħed jassistih. X'aktarx dan kien meta l-avukat ra d-digriet li tat il-Qorti fl-10 ta' Settembru 2021 fejn fih jingħad li għalkemm il-konvenut ġie notifikat bir-rikors maħluf fis-16 ta' Lulju 2021, ma kienx jirriżulta li ppreżenta tweġiba.

14. Magħmula dawn il-konsiderazzjonijiet u wkoll minħabba d-dubju li jeżisti, wara li l-Qorti kkunsidrat ukoll l-interess li wera l-konvenut sal-lum, il-konvenut għandu jingħata l-opportunita` li jiddefendi lilu nnifsu billi jwieġeb għar-rikors maħluf u b'hekk ikollu l-opportunita` li jressaq provi u jagħmel kontro-eżamijiet ta' xhieda li ser tressaq l-attriċi. F'materja ta' ġustifikazzjoni ta' kontumaċja d-dubju għandu jmur favur il-konvenut sabiex b'hekk jiġi garantit il-jedd fundamentali għal smigħ xieraq.

Għal dawn il-motivi tilqa' l-appell tal-konvenut u tħassar is-sentenza tat-12 ta' Jannar 2022 u filwaqt li tilqa' t-talba tal-konvenut magħmula bir-rikors tat-28 ta' Settembru 2021 (fol. 82), tagħtih għoxrin jum mil-lum sabiex jippreżenta t-tweġiba maħlufa. Spejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>President | Tonio Mallia<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr